A.L. 125 ta' l-1996

ATT TA' L-1996 DWAR SELF LOKALI (ATT NRU. XII TA' L-1996)

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI (*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi għall-Ħruġ ta' Lm6,000,000 6.3% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 1999 (IR-RABA' ĦRUĠ)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Att ta' l-1996 dwar Self Lokali u bl-artikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, il-Ministru tal-Finanzi awtorizza l-ħruġ ta' Lm6,000,000 6.3% *Stock* tal-Gvern ta' Malta kif ġej:—

Skop tal-ħruġ.

1. Dan il-ħruġ ta' *Stock* qiegħed isir sabiex jagħmel tajjeb għall-parti mid-*deficit* fil-Fond Konsolidat minħabba l-ispiża matul is-sena 1995 u dik li hemm maħsuba li sseħħ matul is-sena 1996.

Mod tal-ħruġ ta' l-i*Stock*.

2. L-i*Stock* jinħareġ bil-prezz ta' Lm100 fil-mija u jingħata fuq applikazzjoni f'ammonti li jidħlu eżatt bil-Lm100.L-applikazzjonijiet għall-għoti ta' l-i*Stock* jifthu t-Tnejn, 8 ta' Lulju, 1996 fit-8.30 a.m. u jagħlqu f'nofsinhar ta' nhar is-Sibt, 20 ta' Lulju, 1996 jew qabel fid-diskrezzjoni ta' l-*Accountant General*.

Policy dwar l-għoti ta' l-i*Stock*.

3. Kull persuna u/jew enti jistgħu japplikaw għal dan l-i*Stock*. L-għoti ta' l-i*Stock* jingħata lil min japplika l-ewwel, iżda tingħata preferenza lill-applikanti li m'humiex istituzzjonijiet bankarji.

Negozju fil-Borża ta' Malta, Kap. 345.

4. Issir applikazzjoni sabiex l-i*Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u jsir negozjar tiegħu fil-Borża ta' Malta skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Borża ta' Malta meta dan l-i*Stock* jiġi allokat.

Somma ta' flus li għandha tingħabar.

5. Is-somma ta' flus li għandha tingħabar bl-i*Stock* tkun ta' Lm6,000,000.

Rata ta' kontribuzzjoni għall-Fond ta' Ammortizzament.

6. Approprjazzjoni kull sitt xhur ta' mhux anqas minn Lm60,000 mid-Dħul Ġenerali u mill-Attiv tal-Gvern ta' Malta għandha ssir bħala kontribuzzjoni għall-Fond ta' Ammortizzament sabiex jinfeda l-i*Stock*. L-ewwel kontribuzzjoni għandha ssir matul l-ewwel sitt xhur tas-sena 1997.

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

7. L-imgħax bir-rata ta' Lm3.15 għal kull Lm100 *Stock* għandu jitħallas b'lura kull sitt xhur fl-20 ta' Jannar u fl-20 ta' Lulju ta' kull sena matul il-kors ta' l-i*Stock*. L-ewwel ħlas relattiv għall-perjodu mill-21 ta' Lulju, 1996 sal-20 ta' Jannar, 1997 għandu jsir fl-20 ta' Jannar, 1997. L-aħħar ħlas pro rata relattiv għall-perjodu mill-21 ta' Jannar, 1999 sa l-1 ta' Awissu, 1999 għandu jsir fid-data tal-fidwa l-1 ta' Awissu, 1999.

Fidwa ta' Stock.

8. L-i*Stock* jinfeda b'parità fl-1 ta' Awissu, 1999.